***Servizz ta' Hidma Socjali ma' Persuni b'Dizabilita' u l-Familji Taghhom*** **- ta' Ronald Balzan**

**I**s-Servizz ta' Hidma Socjali *(social work)* huwa servizz offrut mill-Agenzija SAPPORT. Dan is-servizz joffri ghajnuna lill-persuni b'dizabilita' u lill-familji taghhom, sabiex jghelbu l-ostakoli li jridu jhabtu wicchom maghhom fis-socjeta'. Is-Servizz huwa moghti minn tim li bhalissa huwa maghmul minn sitta min-nies: **Andrew Azzopardi** (Service Area Leader), **Antoinette Buttigieg**, **Janette Scicluna**, **Fleur Briffa**, u **Andrew Francalanza** (Social Workers), u **Ronald Balzan** (Administrative Support Worker) li jinsabu gewwa Centru Hidma Socjali St.Venera u numri tat-telefons huma 2144 1273, 21442121.

Is-Servizz jahdem sabiex ikun hemm drittijiet indaqs ghal kulhadd u sabiex ikun hemm partecipazzjoni akbar min-naha ta' persuni b'dizabilita' fil-komunita', biex b'hekk ikun hemm zvilupp u uzu kemm jista' jkun shih tal-abilitajiet u l-potenzjal ta' dawn il-persuni li s-Servizz jahdem maghhom. Sa mill-bidu tieghu, is-Servizz dejjem stinka biex jahdem fuq numru ta' valuri. Valur importanti huwa l-gharfien tal-fatt li l-parti kbira tal-ostakoli li persuni b'dizabilita' u l-familji taghhom jigu wicc'imbwicc maghhom, mhux gejjin mil-fatt li persuna ma' tistax tuza saqajha biex timxi, per ezempju, izda minhabba l-fatt li s-socjeta', hafna drabi ma' toffrix ambjent accessibli bizzejjed ghall-persuni li juzaw 'wheelchair'.

Is-Servizz jaghti importanza kbira lix-xewqat partikulari u individwali tal-persuni b'dizabilita' li jigu f'kuntatt mieghu, sabiex is-sapport li jinghata ikun verament riflessjoni ta' dawn ix-xewqat. Is- 'social workers' jahdmu man-nies u mhux ghalihom, billi jheggu lill-persuni b'dizabilita' u l-familji taghhom biex ikunu attivi b'mod shih huma wkoll fil-hidma li tkun qed issir dwar id-diffikultajiet taghhom. Fil-hidma, ir-rispett u d-dinjita' lejn il-persuna f'kull sitwazzjoni huma mweghda b'mod assolut. Il-haddiema fi hdan is-Servizz, jitilqu bil-hsieb li tezisti soluzzjoni ghad-diffikultajiet tal-persuna li tkun qed titlob is-sapport, u jaghmlu l-almu taghhom kollu biex bi kreattivita', jaslu ghal dawn is-soluzzjonijiet. Il-barrieri li tqajjem is-socjeta' fil-konfront ta' persuni b'dizabilita', huma varji u mifruxa fuq kull qasam tal-hajja. Ghalhekk, matul is-snin li fihom is-Servizz ilu jahdem, iltaqa' ma' diversi bzonnijiet ta' individwi u ta' familji. Bhala ezempji ta' dawn insibu bzonn ta' informazzjoni u kuntatti ma' servizzi, bzonn ta' sapport minhabba nuqqas ta' access, diffikultajiet minhabba nuqqas ta' sapport mill-familja, diffikultajiet finanzjarji, diffikultajiet gejjin minn xi forma ta' abbuz, u anke diffikultajiet li ghandhom x'jaqsmu ma' diffikultajiet ta' access ghal xoghol jew edukazzjoni. Minn kemm ilu mwaqqaf, is-Servizz hadem ma' madwar **1600** persuna/familja differenti. F'xahar, is-social workers fi hdan it-tim jahdmu ma' bejn wiehed u iehor **230** persuna b'dizabilita' differenti. F'xahar, is-Servizz ikollu madwar **38** talba ghal sapport. Dawn jinkludu kemm persuni jew familji godda, u anke persuni li jkunu diga' ircevew servizz pero' ihossu l-bzonn li jergghu jitolbu ghall-ghajnuna.

**Created by Neevia docuPrinter trial version**

**Pg.1** – kelmtejn mill-corporate managet tal-Agenzija Sapport;

X'Inhi Indipendenza – ta' Clifford Portelli;

**Pg.2** – Servizz ta' Hidma Socjali … - ta' Ronald Balzan;

**Pg.3** – Hbieb tal-Agenzija;

For My Son – ta' Iain Rooney;

Ghalqu zmienhom ..;

# *IL-QAWSALLA*

Issue no.




***<u>X'INHI 'INDIPENDENZA' – ta' Clifford Portelli</u>*** Kulhadd ghandu percezzjoni differenti ta' xi tfisser il-kelma 'indipendenza'. Meta nitkellmu fuq indipendenza fil-qasam tad-dizabilita' inkunu qeghdin nitkellmu fuq socjeta' li tkun hielsa minn ostakli w pregudizzji. B'hekk persuni b'dizabilita' jkunu jistghu jakkwistaw l-abilita' li jghixu hajja indipendenti u cioe' kif jixtiequ huma. Agenzija SAPPORT tahdem biex tintegra persuni b'dizabilita' fis-socjeta' u biex ikunu indipendenti f'dak li jixtiequ. L-indipendenza ghall-persuni b'dizabilita tista tkun fizika, verbali, kif ukoll mentali.

- indipendenza <u>verbali</u> hija meta persuna tkun tista tistaqsi biex iiru l-affarijiet ghaliha.
- Indipendenza <u>fizika</u> hija meta persuna tkun tista twettaq dak li tixtieq personalment jew permezz ta' accessorji biex jghinuha f'dan. Tfisser ukoll li persuna b'dizabilita' ikollha access ghall-ispazju ta' madwarha.
- Indipendenza <u>mentali</u> hija meta persuna b'dizabilita' thossha mentalment libera li tghix hajjitha kif tixtieq.

Sabiex l-Agenzija **SAPPORT** tkompli toffri u ttejjeb is-servizzi taghha ghal persuni b'dizabilita', l-ghan ewlieni ghandu jibqa il-kwalita' tas-servizzi. Biex tinzamm il-kwalita' tas-servizzi, u bhalma qieghed isir diga', xoghol li jsir direttament mall-klijenti ghandu jibqa jesperjenzah kull persuna li tibda tahdem ma' Agenzija bhal din. Aktar attenzjoni ghandha tinghata lis-servizzi fil-komunita' b'tali mod fejn dawn isiru aktar flessibbli. Mod ta' kif il-klijenti li l-Agenzija ghandha fil-komunita' jistghu isiru aktar indipendenti hua dak imsejjah *'direct payment'*, fejn il-persuna b'dizailita' tixtri hija stess is-servizzi li ghandha bzonn. Hawn Malta tezisti diga' dik li nghidulha '*carer's pension'.* Din tista tigi emendata b'tali mod fejn il-fondi jigu indirizzati lil persuna b'dizabilita' u din tkun tista tixtri is-servizzi tal-carer taghha hija stess u taghzel lil min trid hi. Il-fondi jigu allokati wara li l-persuna b'dizabilita' tigi assessjata minn *social worker, occupational therapist* u persuni ohra skond il-kaz. Il-fondi jigu allokati skond il-bzonnijiet li jkollha bzonn il-persuna biex tikseb l-indipendenza taghha. Barra minn hekk kull persuna tieghu flus kemm ikollha bzonn – la inqas u l-anqas aktar.

Created by Neevia docuPrinter trial version

**HBIEB TAL-AGENZIJA SAPPORT**

***Attivitajiet –***

12 ta' Marzu 2000 Annual General Meeting, fis-
10.00 a.m sala tal-kunsill, B'Kara;
(*Il-membri li hallsu il-mizata biss jistghu jivvutaw ghall-kumitat.)*

**Kif Thares lejn Il-Hajja B'Mod Ahjar**

B'wild b'dizabilita', wiehed facli jaqta qalbu. Pero' nistghu nghinu lilna nfusna billi nrawmu mod posittiv ta' kif inharsu lejn il-hajja. Nghixu gurnata b'gurnata, u kull gurnata nharsu lejha b'lenti sabieha. Int m'ghandekx kontroll fuq il-futur, pero' ghandek kontroll fuq il-gurnata tal-lum. L-ahjar mod kif titghallem tghix minn gurnata ghall-ohra hija li tibda tipprattika mill-lum stess dan il-mod kif thares lejn il-hajja. Staqsi lilek innifsek jek il-problema li qed tiffaccja ghandhiex effett fuq il-gurnata tal-lum jew fuq il-futur qarib. Jekk qed tinkwieta fuq xi haga li tista tigri fi zmien imbieghed, toqghodx tahli energija billi tinkwieta fuqha issa. Toqghodx tibza tghid lil haddiehor li inti tista timmaniggja biss affarijiet tal-mument. Jekk xi hadd isaqsik

***FOR MY SON - ta' Iain Rooney***

*You have to change your lifestyle and stand up to the test*
when you are told your kid is 'special' and different from the rest.
You've been dealt a losing hand, you think that life's not fair,
when you get a diagnosis that the doctor say is rare.
At first there is trepidation, perhaps a little fear,
we suffer through some sleepless nights and maybe shed a tear.
When every single milestone he reaches really late,
the parents search for answers to justify their fate.
You ask a million questions – like will he ever walk?
What kind of school will he attend – and will he learn to talk?
It hits you like a bombshell when you find your son is slow,
but while the child develops, the parents also grow.
Initial disappointment can make you really sad,
until you discover that it's really not that bad.
When you were on the outside you never even knew
how this affects the parents, and what the child goes through.
Pretty soon you start to learn that no one is to blame,
the last thing you deserve to feel is pity, guilt or shame.
Together we can face up to the challenge to be met
and try to come to terms with all the different gals to set.
You gain a new perspective that soon will start to show
as you develop your inner strength than no one else could know.
We welcome each accomplishment with overwhelming pride,
a sense of such achievement that just cannot be denied.
So try to be objective, and then you'll start to see
a lot should be grateful for, I think you would agree.
That next time you feel down at heart, or think your world is stuck,
recognize your happiness, cause we're the ones in luck.

IL-PERSUNI B'DIZABILITA' GHANDHOM ACCESS BIZZEJJED GHALL-HAJJA TAX-






**GHALQU ZMIENHOM FIX-XAHAR TA' FRAR** – *josephine ebejer, pauline micallef, paul borg, rita xerri, maria livori, joe sapiano, grazia aquilina, antoinette buttigieg, stephanie gaffarena, mark galea, charles gravina, michael sciberras, francesco grixti, maryrose grima, michelle scicluna.*
**GHALQU ZMIENHOM FIX-XAHAR TA' MARZU** – *alan camilleri, carmen cassar, darren catania, doreen ciappara, julia debono, carmelo mifsud, emanuel pace, maria pullicino, ritienne scicluna, tonio vassallo, priscilla vella, joe caruana, brian ellul, adrian seychell, shirley buttigieg, annabelle sammut, arlett micallef.*
**JAGHLQU ZMIENHOM FIX-XAHAR TA' APRIL** – *charmaine bianchi, evan borg, mario cilia, jacqueline pace, philip valletta, rita cutajar, simone debono, jacinta gatt, doris azzopardi, glenda borg, agnes bezzina, catherine borg, alison farrugia, antonia farrugia, alion fenech, sabrina persiano, justin meli, nanchter portelli, miriam xerri.*

Created by Neevia docuPrinter trial version

***<u>ASPETTI NEGATTIVI TA' HAJJA RESIDENZJALI</u>***

Wahda mill-aghar konsegwenzi tad-djar residenzjali hi meta dawn jitilfu l-iskop principali taghhom – li hu li joffru dar (HOME) ghall-persuni. Meta nghidu dar (HOME) niftakru f'dawk l-aspetti kollha li wiehed jesperjenza gewwa daru:

Dak li nghidulu '**belonging'.** Li wiehed ihossu parti minn dik id-dar u li jhossu komdu kemm mal-persuni li jghixu fl-istess dar kif ukoll komdu bl-affarijiet ta' madwaru.

Li wiehed ihoss sens ta' sigurta' **(safety).** Meta wiehed ikun familjari ma' l-ambjent li jghix fih, awtomatikament ihossu safe kif ukoll ihoss sens ta' kontroll.

Li wiehed ikun liberu li jespmi ruhu, kif irid, x'hin irid u ma min irid. Dan nghidulu l-ispazzju tieghek – **'personal space'.**

**Il-privatezza.** Din ukoll hija tip iehor ta' spazzju personali ta' kull bniedem. Il-privatezza tista tkun li tista toqghod wahdek u taghmel l-affarijiet personali tieghek kif ukoll li tkun tista taghmel affarijiet ohra ma membri tal-amilja fuq livell privat bal perezempju xi glieda li tinqala bejn il-familjari.

**Mistrieh.** Id-dar tista tirraprezenta l-post fejn wiehed mhux biss jista jsib is-serhan fiziku izda ukoll is-serhan mentali.

**Mhabba.** Hafna drabi id-dar tirraprezenta ukoll il-post fejn wiehed jesperjenza emozzjonijiet

**IL-PROGRESS** – ta' Joanne Rizzo

Meta bdejt nahdem mal-Agenzija SAPPORT u bdejt naghmilha ma' nies li ghandhom problemi intellettwali, kont nahseb u nemmen bi shih li biex narhom kuntenti u biex nghinhom, ridt bilfors li naghmillhom kollox jien. Il-*courses* u *s-supervision* ghinuni nifhem li il-persuni li nahdmu maghhom ghandhom bzonn l-ispazju taghhom biex ikunu jistghu jitghallmu jaghmlu l-affarijiet wahedhom biex ikunu jistghu jilhqu certu livell ta' indipendenza f'hajjithom.

Illum il-gurnata wara kwazi sentejn nahdem f'dan ix-xoghol, nista napprezza il-progress li sar mhux biss fin-nies li nahdem maghhom kuljum, izda anke fijja stess. Filwaqt li n-nies b'dizabilita saru kapaci jippreparaw il-*breakfast*, jghinu fit-tindif, u jinhaslu wahedhom, jies sirt aktar pacenzjuza u kapaci nifhem aktar lil haddiehor. Dan ghaliex ix-xoghol jirrikjedi hafna mhabba minn naha tieghi lejn dawn in-nies u huwa xoghol li jghin lil min ikun qieghed jaghmlu biex jikber interjorment u jiskopri lilu nnifsu aktar.

Wara kwazi sentejn nista nara progress kemm fin-nies li nahdem maghhom kuljum u anke fija nnifsi permezz taghhom.

**MILL-EDITUR**

Fix-xhur ta' Jannar u Frar li ghadhom kif ghaddew, il-haddiema kollha talAgenzija SAPPORT attendew ghal zewg nofs ta'nhari seminars gewwa wahda mill-isbah hotels li hawn f'Malta. Interessanti li wiehed jghid li zewg haddiema li qeghdin fuq wheelchairs u ic-Chairman tal-Kummissjoni Persuni b'Dizabilita' kellhom jghaddu minn bieb sekondarju – dan ghaliex il-post mhux accessibbli. Is-*Services Manager* tal-Agenzija xejn ma' ddejqet issemma lehinha mal-manager inkarigat mir-reception! Prosit Agnes! Kif nistghu nippretendu li nghallmu n-nies fil-komunita' dwar il-bzonnijiet tan-nies b'dizabilita' meta jsiru dawn in-nuqqasijiet minn naha ta' l-organizzaturi taghna stess?

Xtaqt ukoll li jkun hemm xi tip ta' feedback minn naha taghkom dwar dan il-fuljett.

Nixtieq nirringrazzja hafna lil Ms Helen Attard li ghaddietli tant informazzjoni u idejat ghal dan il-fuljett.

**Created by Neevia docuPrinter trial version**